MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## BONNICI JOSEPH

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 1753/2002

**Mobisle Communications Limited**

**vs**

**Simon Borg**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ Lm548.45c (hames mija u tmienja u erbghin lira Maltin u hamsa u erbghin centezmu) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenut lil Mobisle Communications Limited skond Client Contract Number 24469 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta’ attrici u dana fix-xhur bejn Settembru 2001 u Marzu 2002.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-23 t’April 2002, dawk tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat kontestwalment ma’ l-Avviz, u bl-imghaxijiet sad-data tal-

pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa' kontumaci;

Sema' lill-Dr Nikolai Muscat Farrugia jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu dovut;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm548.45c (hames mija u tmienja u erbghin lira Maltin u hamsa u erbghin centezmu) dovuti ghal servizzi telefonici.

Bl-ispejjez u bl-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**